# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-24 ta' Novembru 2010

## dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea skont il-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba

(2010/745/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba [1], u b'mod partikulari l-punt 26 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea [2],

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea ħolqot Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (il "Fond") biex turi solidarjetà mal-popolazzjoni ta' reġjuni milqutin minn diżastri.

(2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond fil-livell massimu annwali ta' EUR 1 biljun.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fih id-dispożizzjonijiet li bihom il-fond jista' jkun immobilizzat.

(4) L-Irlanda ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-Fond, fir-rigward ta' diżastru kkawżat minn għargħar qawwi,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 13 022 500 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Strasburgu, l-24 ta' Novembru 2010.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | O. CHASTEL |

---

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
[2] ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.